**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 181/2019**

**Il-Pulizija**

**Spettur (Nikolai Sant)**

**Vs**

**Braydon Bonniċi**

Illum 30 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Braydon Bonniċi detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 245095(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Settembru 2016 fi Triq Ħal Far Birżebbugia:

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila f'l-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Emanuel Mangion miz-Zurrieq.
2. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila f'l-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaga, u cioe mutur b'numru ta' reġistrazzjoni MSX 116, għad-dannu ta' l-istess Emanuel Mangion.
3. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, u cioe vettura ta' l-għamla Opel Tigra bin-numru ta' reġistrazzjoni WWW 404 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, kif ukoll:
4. Saq l-istess vettura b'veloċita eċċessiva.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lil-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-hatar ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet

ta' Malta, kif ukoll tissosspendi jew tirrevoka l-liċenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghall-perjodu ta' żmien li jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-10 ta' Ġunju, 2019, fejn dik il-Qorti filwaqt li ddikjarat r-raba' imputazzjoni preskritta, wara li rat l-artikolu 225 u 328(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' tmien t'elef Euro (€8,000) u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 skwalifikatu minn kull liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tlett (3) snin.

In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 kkundannat lill-imputat biex iħallas lir-Reġistratur ta' din il-Qorti s-somma ta' elfejn u tnax Euro u tnax il-ċentezmu (€2012.75) rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi in konnessjoni mal-ħatra ta' esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant Braydon Bonniċi, ppreżentat fil-25 ta' Ġunju, 2019 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma tali kundanna ta' ħtija fejn filwaqt li tikkonfermaha fejn iddikjarat ir-raba akkuza bhala preksritta, tirrevokaha fil-bqija u tilliberah minn kull imposizzjoni ta' piena u skawlifika tal-liċenzja tas-sewqan stante illi huwa ma jaħti bl-ebda mod għall-akkużi kif ġew dedotti kontrih in relazzjoni mal-inċident stradali illi seħħ nhar it-Tlieta 20 ta' Settembru 2016 għall-ħabta ta' 6:00am; jew tirriforma tali kundanna ta' ħtija billi ssibu ħati u tkun aktar mitigattiva fl-imposizzjoni tal-piena billi ssir riforma tagħha.

F'każ illi din l-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali tħoss illi għandha tattribwixxi l-istess ħtija u piena lil imputat qua appellant Braydon Bonniċi, skond dak deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, qiegħed jitlob umilment sabiex tal-inqas a bażi tal-Artikolu 30(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiġi riformata l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqa tiegħu billi jitnaqqas iż-żmien tagħha jew tiġi mneħħija kompletament.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Braydon Bonnici.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-lanjanza unika ventilata mill-appellant tikkoncerna l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi li kellha quddiemha u dan meta attribwit lilu r-responsabbilta' ghas-sinistru stradali mertu ta' dawn il-proceduri f'liema incident awtomobilistiku tilef hajtu Emanuel Mangion li kien qed isuq mutur. Sussidjarjament jilmenta illi l-piena inflitta kienet wahda ferm oneruza u ghandha tigi mitigata.

Illi l-appellant jishaq illi mhuwiex minnu illi huwa kien qed jintenta jaghmel manuvra ta' sorpass meta sehhet il-l-kollizzjoni mal-mutur misjuq minn Mangion u li f'dak il-hin kien gej mid-direzzjoni l-opposta.

Illi ghalkemm din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, kif qed jitlobha taghmel l-appellant, madanakollu ezaminat l-atti mill-gdid sabiex fis-setgha moghtija lilha bil-ligi tqies jekk l-Ewwel Qorti setatx kemm fuq bazi legali kif ukoll fattwali tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha.

Illi minn ezami tal-atti jemergi illi s-sinsitru stradali mertu ta' dan il-kaz sehh fl-ghodwa tal-20 ta' Settembru 2016 gewwa Triq Hal Far Birzebbugia

bejn il-vettura tal-ghamla Opel misjuqa mill-appellant u mutur Honda misjuq mill-vittma Emanuel Mangion. Mangion sfortunatament tilef hajjtu f'dan l-incident. Illi iz-zewg sewwieqa kienu qed isuqu fid-direzzjoni l-opposta ta' xuxlin bl-appellant isuq fid-direzzjoni li tiehu minn Birzebbugia lejn l-Akkademja tal-Pulizija gewwa ta' Kandja fejn f'dak iz-zmien kien qed jircievi r-reklutagg tieghu ta' pulizija. Bonnici minn naha l-ohra kien gej mid-direzzjoni l-opposta sejjer lejn Birzebbugia. Illi l-uniku xhud okulari ghal dan is-sinistru kien l-appellant stess. Huwa jikkontendi illi ftit qabel l-impatt kien hemm quddiemu Vann Hilux li kien ghaddej b'velocita' rallentata tant illi huwa irnexxielu jilhqu u meta wasal madar distanza ta' vettura 'il boghod, dan il-vann zamm brejk bil-konsegwenza illi huwa ibbrejkja wkoll u l-vettura tieghu tkaxkret xi ftit lejn il-lemin tat-triq. F'dan il-mument ighid li lemah dawl qawwi gej mill-mutur li kien qed isuq b'velocita eccessiva li laqatlu il-fanal tal-genb tal-vettura tieghu n-naha tal-lemin, baqa' jitkaxkar mieghu qaccatlu l-mera tal-genb tal-vettura bis-sewwieq jispicca mitfugh fl-art ftit distanza 'il boghod. Bl-impatt ighid li l-vettura tieghu daret lejn il-lemin u bil-hasda telaq l-i*steering wheel* minn idejh u il-karozza kompliet miexja sakemm waqqfet mal-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta, hdejn il-bankina. Bonnici tar minn fuq il-mutur u spicca ftit metri 'il boghod minn fejn sehh l-impatt u spicca tilef hajjtu.

L-appellant jishaq allura illi malament l-Ewwel Qorti tefghet ir-responsabbilta ghal dan is-sinistru fuq spalltu meta qieset illi kien traskurat fis-sewqan tieghu u dan peress illi l-manuvra li saret minnu kienet unikament konsegwenza tal-ostakolu li sab quddiemu u dan meta il-Vann Hilux zamm brejk u l-appellant ipprova jaghmel manuvra evasiva sabiex jevita l-impatt ma'l-istess u tilef xi ftit il-kontroll tal-vettura tieghu meta f'dan il-hin sab il-mutur gej ghal fuqu.

Fil-fehma tieghu il-htija tat-terz injot ma ghandux iwassal sabiex hu jinzamm responsabbli ghal incident stradali mertu tal-kaz. Jichad illi huwa kien ser jaghmel xi manuvra ta' sorpass u ghalhekk iqies illi l-Ewwel Qorti

malament strahet fuq din is-supposizzjoni mhux ibbazata fuq ebda prova illi il-*causa prossima* tas-sinistru kienet din il-manuvra ta' sorpass.

Illi jibda biex jinghad illi ghalkemm l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi l-appellant x'aktarx ghamel manuvra ta' sorpass sabiex sehh l-iskontru fatali mal-mutur u ukoll illi l-velocita' elevata gejja mill-vettura misjuqa mill-appellant ikkontribwiet ukoll ghas-sinsitru, madanakollu ma jidhirx illi dawn iz-zewg fatturi wasslu ghas-sejbien ta' htija kif jikkontendi l-appellant. Fid-decizjoni taghha l-Ewwel Qorti qieset illi l-*causa prossima* ta'l-incident kienet il-fatt illi l-appellant invada l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta anke jekk bi ftit u lanqas ma setghet tistabbilixxi kemm kienet il-velocita' li kien ghaddej biha l-appellant u jekk l-istess kenitx teccedi l-velocita' regolamentari ghal dik iz-zona billi lanqas l-espert tekniku nominat fl-*in genere* ma seta jasal biex jistabbilixxi din il-velocita'.

Dan maghdud, madanakollu, l-Ewwel Qorti kellha quddiem diversi fatturi determinanti sabiex ighinuha tilhaq il-gudizzju taghha, liema fatturi jemergu mid-dinamika tal-incident u l-evidenza indizzjarja li giet misjuba fuq il-post u cioe':

1. l-impatt sehh fuq il-karreggjata tat-traffiku li kien gej mid-direzzjoni l-opposta ghall-appellant u cioe' fil-karreggjata fejn kien qed jinsaq il-mutur. Dan immaterjalment jekk l-appellant kienx ser jaghmel manuvra ta' sorpass jew inkella jekk tilifx il-kontroll tal-vettura tieghu minhabba il-manuvra tat-terz injot li kien qed isuq il-vann Hilux li allegatment kien hemm quddiemu u li skont l-appellant ibbrejkja f'salt.
2. ma nstabu ebda brejk marks jew skidd marks fuq il-post tali li l-Qorti tista' tasal biex tikkonkludi illi l-ebda sewwieq ma nduna bil-presenza tas-sewwieq l-iehor qabel l-impatt u ukoll illi mhuwiex minnu dak li jikkontendi l-appellant li zamm xi brejk qabel ma' sehhet il-kollizzjoni.
3. illi ghalkemm ma jistax jigi stabbilit bil-preciz x'kienet il-velocita' li biha kien qed isuq l-appellant, certament hu kien ghaddej b'velocita elevata tant illi jekk il-verzjoni tieghu kellha titwemmen hu irnexxielu

jilhaq il-vann Hilux li kien qed jinsaq quddiemu li kien distanti minnu it-tul ta’ seba vetturi. L-appellant fi ftit hin irnexxielu jilhaq dan il-Vann u ma irrallentax sabiex b’hekk meta il-Vann zamm brejk huwa ma irnexxielux jieqaf tempestivament.

4. Illi ghalkemm l-appellant jikkontendi illi fil-hin li sehh l-incident il-mutur kien qed isuq bid-dwal mixghulin, madanakollu huwa lanqas biss innota li fuq il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta kien qed javvicinah mutur tant illi ighid li sab id-dawl tieghu ma’ wiccu f’salt. Kieku kien minnu illi kien ghadu ‘il boghod id-distanza ta’ seba’ vetturi mill-vettura ta’ quddiemu, kif jikkontendi, qabel lahaqha zgur li f’xi hin kien jinnota l-mutur gej mid-direzzjoni l-opposta fi triq dritta u minghajr ebda ostakolu ta’ traffiku.
5. Illi gie stabbilit mill-espert tekniku Buttigieg illi l-impatt kien wiehed frontali u dan fil-fatt huwa rifless fil-hsarat riskontrati kemm fil-mutur kif ukoll fil-vettura liema hsarat jinsabu fuq quddiem fil-parti tal-lemin bid-debris kif inghad jinsab fil-karreggjata tat-traffiku li fiha kien qed jinsaq il-mutur sabiex b’hekk huwa evidenti illi l-i*spot of impact* sehh fuq din il-karreggjata tat-traffiku.
6. l-impatt kien wiehed tant qawwi li kemm il-vettura kif ukoll il-mutur u is-sewwieq ta’l-istess mutur spiccaw fuq l-estremita’ tat-triq fil-karreggjata tan-naha tal-lemin.

Illi huwa mistenni minn sewwieq prudenti u ghaqli li matul il-hin kollu ta’ sewqan ghandu ikollu l-attenzjoni shiha tieghu fuq it-triq u jezercita dik il-prudenza u attenzjoni mistennija fil-ligi. Fil-fatt kull min jezercita nuqqas ta’ prudenza tant illi b’konsegwenza ta’l-istess isehh sinistru stradali ghandu iwiegeb ghal dak l-agir. Dan ghaliex:

> **“accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minnhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra. Hawnhekk, jaqa' fuq dik il-persuna il-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija. Dan ghaliex jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah "res ipsa loquitur". S'intendi il-grad ta' prova fil-kaz ta' akkuzat jasal biss sa dak tal-probabilita' u mhux tenut li jipprova beyond "a reasonable doubt" kif jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni.**

**... Kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta'.[1] "**

Dan qed jinghad peress illi anke jekk il-Qorti kellha taghti affidament lil verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-appellant xortawahda huwa evidenti mix-xiehda tieghu illi ma kienx qed izomm dik il-*proper lookout* fis-sewqan tieghu, tant illi meta l-vann zamm il-brejk b'mod inaspettat, l-appellant tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Sewqan prudenti kien jitlob illi ghalkemm huwa kien ghaddej b'velocita aktar qawwija minn dik tal-vann, tant illi irnexxielu jilhqu fi ftit hin, huwa kellu jirrallenta u jzomm dik id-distanza prudenti sabiex ikollu l-hin kollu kontroll fuq il-vettura tieghu. Illi allura ghalkemm seta' sehh dan il-fattur kontributorju minn terz injot, madanakollu kien mistenni illi l-appellant ikun responsabbli bizzejjed sabiex jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita li jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu b'tali mod illi sehhet kollizzjoni li kellha konsegwenzi ferm serji fejn persuna tillfet hajjitha, iktar u iktar meta mill-provi jirrizulta illi dak in-nhar il-vizibilita' kienet tajba u ma kienx hemm fatturi ohra kontributorji bhal xi zejt jew likwidu iehor fit-triq li kagun ta'l-istess kien impossibbli ghalih li jikkontrolla l-vettura.

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet il-Pulizija vs Anthony Spiteri:

**"Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a proper lookout ghall-vejikoli, pedestrians, u road-users ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' split second u lkontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. ... ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta'**

[1] Il-Pulizija vs Kevin Caruana – App. Inf 03/04/2003

**nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."**

Illi allura ghal dawn il-motivi l-qorti ma tista' ssib ebda mottiv li jista' iwassalha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti u ghalhekk l-aggravji marbuta mal-mertu qed jigu michuda.

Ikkunsidrat:

Jifdal finalment biex jigi kkunsidrat l-ahhar aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant tal-multa ta' tmint elef ewro (€8000) u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett snin. Jibda biex jinghad illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi u hija wahda alternattiva ghal dik ta' prigunerija effettiva. Il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha ma tistax tinjora l-fatt illi minhabba s-sewqan bla kont tal-appellant persuna spiccat tilfet hajjitha. L-appellant ghalhekk ghandu iwiegeb bl-istess qies ghal konsegwenzi gravi li halliet l-infrazjoni tieghu ta' dak il-komportament mistenni minn kull persuna responsabbli fis-sewqan. Illi l-fatt li l-appellant kien qed ihejji ruhu sabiex isir pulizija ma inaqqasx mill-gravita' tal-azzjoni tieghu, anzi huwa kellu jara li jsewgi r-regolamenti tat-traffiku aktar b'mod skrupoluz. Illi ghalhekk il-Qorti ma tista' tara ebda mottiv li jista' iwassalha tiskossa d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta giet biex teroga il-piena fil-konfront tal-appellant.

Finalment ghalkemm l-appellant iressaq talba fit-termini ta'l-artikolu 30(2) tal-Kodici Kriminali, madanakollu kif diversi drabi ribadit fil-gurisprudenza tal-qrati taghna, inkluz fis-sentenzi ta' din il-Qorti kif ippresjeduta[2], din id-disposizzjoni tal-ligi ssib applikazzjoni biss meta l-gudizzju ikun wiehed finali u s-sentenza tkun saret gudikat u allura f'dan l-istadju din it-talba hija wahda intempestiva.

[2] Ara l-Pulizija vs Shawn Fenech deciza 03/05/2019 App.nru. 253/2017

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha bit-terminu ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant tibda tiddekorri min-nofs il-lejl ta' llum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur